MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 464/2008

**A B**
**vs**

**1. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**
**2. Dr Martin Fenech u PL Hilda Ellul Mercer li b'digriet tal-20 ta' Lulju 2009 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri E D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta:

1. Illi fis-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007) twieldet E D li mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A' jirrizulta li missierha huwa dikjarat bhala mhux maghruf, senjatament bhala *unknown father*;

2. Illi ai termini tar-regolament 9(1) ta’ l-Avviz Legali 397 ta’ l-2003 (SL 12.20), l-esponent nieda proceduri ta’ medjazzjoni permezz ta’ ittra datata 5 ta’ Lulju, 2008 mibghuta lir-Registratur Qorti tal-Familja (Rif Nru. 843/08 GG), u dana sabiex jinghata bidu ghal proceduri sabiex b’hekk l-istess esponent ikun jista jithalla jezercita access fil-konfront tat-tifla minuri tieghu, u dana skond dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xieraq;
3. Illi b’digriet tal-25 ta’ Lulju 2008, gie mahtur bhala medjatur is-Sur Godwin Genovese;
4. Illi fin-nuqqas ta’ partecipazzjoni da parti ta’ l-intimata C D fl-istadju ta’ medjazzjoni, liema proceduri ghadhom miftuha, fid-19 ta’ Awissu 2008, l-esponent ipprezenta rikors fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tordna li huwa jinghata access ghal bintu E, ossia tordna lill-imsemmija intimata taghti access lill-esponenti u dan skond dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa;
5. Illi t-talba ta’ l-esponent ma gietx milqugha minn din l-Onorabbli Qorti ai termini ta’ digriet tad-19 ta’ Novembru 2008, u dana minhabba li ma jirrizultax li l-esponent huwa missier l-imsemmija minuri skond ic-certifikat tat-twelid;
6. Illi fil-fatt l-imsemmija minuri twieldet minn relazzjoni bejn l-esponent A B u l-intimata C D, kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
7. Illi ghaldaqstant jezistu l-estremi kontemplati fil-ligi sabiex l-istess minuri tigi rikonoxxuta mill-esponent A B bhala bintu;
8. Illi ghalhekk il-minuri E D ma ghandiex pussess ta’ stat konformi ma l-Att ta’ Twelid taghha fuq imsemmi;
9. Illi dan kollu kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Ghaldaqstant qed jitlob li din il-Qorti :

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-minuri E D hija l-bint naturali ta’ l-esponent A B;
2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat tat-twelid fuq imsemmi fil-paragrafi kollha li jirrigwardjaw it-Taghrif dwar it-tarbija billi jindika f’dawn il-paragrafi in

sostituzzjoni ghal dak li hemm fihom, dak kollu li tordnalu din l-istess Qorti okkorrendo billi fil-kolonna intestata “taghrif dwar it-Tarbija; Isem jew Ismijiet li bih-bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” jigi kancellat il-kunjom “D”, u minflok jidher il-kunjom “B”;
3. Tordna ukoll lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat tat-twelid fuq imsemmi fil-paragrafi kollha li jirrigwardjaw it-Taghrif dwar Missier it-Tarbija billi fil-kolonna intestata “Taghrif dwar Missier it-Tarbija; Isem u Kunjom, id-dokument ta’ l-Identita’; eta’; Fejn Twieldu u Joqghodu, Isem u Kunjom il-Missier, u jekk hux haj jew mejjet” jigu kancellati l-kliem “unknown father” u minflok jitnizzlu l-konottati ta’ A B;
4. Sussegwentement, tordna li jitkomplew il-proceduri ta’ medjazzjoni fuq imsemmija sabiex l-esponent jithalla jara u jezercita access fil-konfront tat-tifla minuri tieghu;
5. Tordna provvizorjament illi matul il-proceduri ta’ medjazzjoni, jew fin-nuqqas ta’ l-esponent jithalla jara u jezercita access fil-konfront tal-minuri E D u dana skond dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xieraq;

Bl-ispejjez, inkluzi dak ta’ l-ittra tal-25 ta’ Lulju, 2008 u tar-rikors tad-19 ta’ Awissu 2008, kontra l-intimati jew min minnhom, minn issa ingunti sabiex jidhru personalment ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament ir-rikorrent kellu jaderixxi mal-procedura stipulata fl-Artikolu 86 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Illi preliminarjament ukoll fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi l-minuri ghandu jkun parti fil-kawza u l-interessi tieghu rapprezentati minn kuraturi deputati;
4. Illi l-esponent mhux il-legittimu kontradittur fir-rigward tar-raba u tal-hames talbiet dedotti fir-rikors guramentat;
5. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg li r-rikorrent jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu sabiex jekk jintlaqghu it-tabiet dedotti fir-rikors, dawn id-dettalji jkunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid relattiv. Inoltre, il-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett jekk it-talbiet jigu milqugha.
6. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti;
8. Salv eccezzjonijiet ohra;

Tant ghandu x'jissottometti l-esponent ghas-salvu gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi, preliminarjament u minghajr pregudizzju il-konvenuta C D ma topponix ghall-ewwel talba tal-attur A B;
2. Illi minghajr pregudizzju u subordinatament ghal dak li ghandu jeccepixxi id-Direttur tar-Registru Pubbliku dwar din l-eccezzjoni, preliminarjament it-tieni talba attrici hija nulla u dana stante li hija ifformulata skorettement u ghalhekk hija nieqsa minn kriterji necessarji ad validitatem, u il-konvenuta C D, minkejja li l-ewwel talba attrici mhix opposta, tirrespingi it-tieni talba stante li hija bla bazi fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi muri waqt l-andament tal-kawza u ghalhekk ghajr ghad dettalji tal-missier il-bqija tac-certifikat tat-twelid ghandu jibqa integru;

3. Illi, preliminarjament u minghajr pregudizzju u subordinatament ghat-tieni eccezzjoni, il-konvenuta ma topponix it-tielet talba tal-attur;
4. Illi, ir-raba’ talba ma hijiex opposta;
5. Illi, il-hames talba hija opposta stante in-natura vjolenti u irrazzjonali tal-missier kif ukoll l-irresponsabbilita’ tieghu fil-konfront tal-minuri u il-fatt li abbanduna lill-omm it-tarbija waqt it-tqala u kien biss minhabba l-insistenza tal-konvenuta C D, li huwa jzur il-bintu fil-Milied u dan kif se jigi muri waqt l-andament tal-kawza kif ukoll waqt il-medjazzjoni tal-istess, skond ir-raba’ talba attrici;

Tant ghandha l-Unur tissottometti l-esponent ghas-Savju Gudizzju ta’ dina l-Onorabbli Qorti;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta C D;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta’ Gunju 2010, li permezz tieghu ordnat li jigu ezegwiti l-ezamijiet xjentifici necessarji biex tigi stabbilita l-paternita tal-minuri E D li twieldet fis-17 ta’ Frar 2007, u innominat ghal dan l-iskop lill-Ispizjara Dr Marisa Cassar, a spejjez provizorjament tal-attur.

Rat ir-rapport tad-DNA paternity test ipprezentat u ikkonfermat bil-gurament minn Dr Marisa Cassar, u rat ukoll l-affidavit bix-xhieda tal-istess Dr Marisa Cassar, illi permezz tieghu xehdet u ikkonfermat bil-gurament illi mill-analizi tal-kampjuni illi hadet, irrizulta illi l-attur A B ID No 538982M) hu il-missier naturali tal-minuri E D. Il-Qorti rat ukoll il-konkluzjoni fl-imsemmi rapport xjentifiku ta’ Dr Marisa Cassar minfejn irrizulta illi l-attur huwa il-missier biologiku tal-minuri E D.

Illi il-Qorti rat ukoll ic-certifikat tat-twelid ta’ l-attur, ipprezentat mill-istess attur u li jinsab a fol. 79 tal-process.

Illi l-Qorti rat illi l-kuratur deputat Dr Martin Fenech iddikjara li kien qieghed jirrimetti ruhu.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi illi l-attur beda proceduri ta’ medjazzjoni sabiex ikollu access ghall-bintu, liema proceduri ta’ medjazzjoni gew iddikjarati maghluqa peress illi il-konvenuta ma urietx interess fihom.

Ikkunsidrat :

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, il-Qorti rat illi l-attur esebixxa vera kopja tal-ittra ufficjali illi ipprezenta fl-10 ta’ Novembru 2009 fir-Registru ta’ din il-Qorti fil-konfront tal-konvenuta C D ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kap. 16, liema ittra ufficjali giet notifikata lill-konvenuta C D fil-21 ta’ Jannar 2010 u ghaldaqstant il-Qorti tara illi din l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata.

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, il-Qorti rat illi irrizulta illi saru it-testijiet xjentifici kollha necessarji illi minnhom irrizulta illi l-attur huwa il-missier naturali tal-minuri E D. Illi ghalhekk din it-tieni eccezzjoni wkoll giet sorvolata.

Illi fir-rigward tat-tielet u is-sitt eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, irrizulta mill-atti illi effettivament inhatru kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri u dan wara li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Illi fir-rigward tal-hames eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, il-Qorti rat illi l-attur ipprezenta ic-certifikat tat-twelid tieghu u ghalhekk il-Qorti tara illi anke din il-hames eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ukoll giet sorvolata.

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenuta C D ma opponietx ghall-ewwel talba tal-attur, izda opponiet ghat-tieni talba attrici, stante illi allegat

illi din it-talba hija bla bazi fil-fatt u fid-dritt, u skond hi dan kienet ser turih waqt l-andament tal-kawza.

Illi l-Qorti rat illi l-konvenuta C D ma ressqet l-ebda provi f'din il-kawza u lanqas ma ipprezentat xi nota ta' sottomissjonijiet u ghaldaqstant il-Qorti qeghda tirrispingi it-tieni eccezzjoni taghha illi bl-ebda ma mod ma giet sostnuta minn xi provi.

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenuta C D ma opponietx it-tielet u ir-raba talba tal-attur, izda opponiet ghall-hames talba tieghu stante in-natura vjolenti u irrazzjonali tal-attur u l-irresponsabbilita' tieghu fil-konfront tal-minuri. Illi kif diga intqal, fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuta C D, l-istess C D ma ressqet l-ebda provi f'din il-kawza, u ghalhekk bl-ebda mod ma irnexxielha tipprova illi l-attur huwa ta' natura vjolenti, jew irrazzjonali jew irresponsabbli.

Illi l-attur, b'kuntrast ma dan, irnexxielu jipprova illi huwa ghandu verament interess illi jirrikonoxxi lill-bintu u ikollu access ghaliha b'mod regolari, tant hu hekk illi apparti milli istitwixxa il-proceduri u hallas minn butu ghat-test xjentifiku tad-DNA, huwa ghamel ukoll proceduri ta' medjazzjoni, liema proceduri inghalqu peress illi l-konvenuta C D ma uriet l-ebda interess f'dawn il-proceduri.

Illi irrizulta wkoll mill-atti illi l-konvenuta C D kienet reticenti ferm illi isir it-test xjentifiku tad-DNA, tant illi l-Qorti kellha tordna illi l-pulizija ezekuttiva u l-marixxalli tal-Qorti jenforzaw l-ordni tal-Qorti fis-sens illi jittiehdu l-kampjuni tal-konvenuta C D, kif ukoll tal-minuri, u dana sabiex ikun jista jsir it-test xjentifiku kif ordnat mill-istess Qorti.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq isemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt illi tichad it-tieni u il-hames eccezzjonijiet tal-konvenuta C D, u filwaqt illi tiddikjara illi l-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-hames u is-sitt eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku gew sorvolati, tilqa t-talbiet kollha attrici,

tiddikjara illi l-minuri E D hija l-bint ta' l-esponent A B, tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri billi fil-kollonna intestata "Taghrif dwar it-Tarbija; Isem jew Ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" jigi kancellat il-kunjom "D" u minflok jidher il-kunjom "B". Tordna ukoll lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri fil-paragrafi kollha li jirrigwardjaw it-Taghrif dwar Missier it-Tarbija, billi fil-kolonna intestata "Taghrif dwar Missier it-Tarbija; Isem u Kunjom, id-dokument ta' l-Identita'; eta'; Fejn Twieldu u Joqghodu, Isem u Kunjom il-Missier, u jekk hux haj jew mejjet" jigu kancellati l-kliem "unknown father" u minflok jitnizzlu l-konottati ta' A B.  Il-Qorti tordna illi l-attur ikollu access ghall-bintu minuri E kull nhar ta' Tnejn u kull nhar ta' Erbgha u kull nhar ta' Gimgha bejn il-5.00pm. sas-7.00p.m. u alternattivament kull nhar ta' Sibt jew kull nhar ta' Hadd bejn l-10.00a.m. u l-5.00p.m.  Bl-ispejjez kollha, inkluz tar-rapport xjentifiku tad-DNA, kontra l-konvenuta C D.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------